**Art. 242 L-Orizzont**

**Lorna Vassallo**

**Data tal-Publikazzjoni: 21 ta' Jannar 2004**

# "Il jeep di Fantozzi" III

F'dawn l-artikli qed niddiskuti s-sistema tat-trasport pubbliku fil-pajjizi Skandinavi tan-Norvegja, l-Isvezja u l-Finlandja u kif din titqabbel ma' dik Maltija.

Illum xtaqt nitkellem fid-dettal dwar is-sistema kbira ta' informazzjoni li tezisti f'dawn it-tlett pajjizi li fil-fatt tezisti f'hafna mill-ibliet Ewropej u nistaqsu jekk din l-informazzjoni nsibuhiex ukoll f'pajjizna.

## Hinijiet u rotot

Fuq kull post ta' waqfien wiehed isib:

1) post fejn tistkemm, ghalkemm nammetti hemm postijiet fejn dan jezisti naha wahda tat-triq biss;

2) mal-post fejn tistkenn ikun hemm imwahhlin mill-inqas affarijiet;

(i) numru tat-tramm/karozza tal-linja li tghaddi mimm hemm u r-rotta taghha. Il-post fejn tkun qed tistemma jkun immarkat aktar skur jew b'cirku adbar mill-ohrahn.

(ii) Tabella bil-hinijiet ta' kull tram/karozza li tghaddi.

(iii) Pjanta tas-sistema kollha tal-belt shiha bl-intersezzjonijiet kollha mmarkati biex wiehed ikun jista' jaghzel fejn irid jibdel minn karozza ghall-ohra. Din it-tabella dehret ma' l-artiklu tal-gimgha l-ohra.

Certa li sistema bhal din tidher pjuttost gdida ghall-qarrejja. Pero' tajba hafna ghax tkun taf minn fejn se tghaddi ezatt il-karozza u fejn tista' tibdel minn karozza/tramm ghal ohra.

Din tghin hafna anke fil-kaz ta' rotot godda li llum hawn diversi minnhom li gew implimentati, izda li l-pubbliku ma jafx bihom! Fil-fatt konxja mill-fatt li hawn rotot godda, izda x'numri ghandhom u fi x'hin jghaddu kull ma tista' taghmel twaqqaf xi xufier u ggieghlu jgerger xi ftit ghax toqghod tistaqsi lilu! Aktar minn hekk ma nafx x'jista' jaghmel cittadin.

Forsi jista' jmur il-venda tal-Belt, imma jekk ma tkunx diehel il-Belt? Jew inkella ccempel! Heqq! Darba pprovajt izda ma wegibni hadd!

Nahseb li biex ikollna sistema bhal din kull ma jrid jigri li jiltaqghu nies inkarigati u jpingu rotot fuq "bicca karta". M'inix qed nghid li bilfors iridu jsiru tabelli taghhom li jqumu l-flus f'kull post ta' waqfien – izda wara kollox- billi jithallew erba' kopji tal-karti 'l hemm u 'l hawn, imqar ghand il-kunsilli lokali, x'ikun gara? Jew jigu nstallati speci ta' kontenituri, huma x'inhuma, u jithallew fil-postijiet fejn almenu jezisti 'bus shelter', fiha xi haga hazina?

Ezercizzju bhal dan jista' jwassal ukoll lill-ADT ghall-istampa iktar cara tar-rottot taghha. Ghax is-suspett tieghi huwa li dawn it-tip ta' disinji tar-rotot lanqas ghand l-ADT ma jezistu! Ghax kieku huma lesti nemmen li waslu ghand ic-cittadin ukoll! Jew inkella jekk huma lesti – huwa ehfef li naghmluhom disponibbli ghac-cittadin.

Mill-esperjenza tieghi f'dawn il-pajjizi Skandinavi, innotajt li l-hinijiet tar-rotot huma diversi u frekwenti hafna. Mhux l-ewwel darba l-karozzi jaslu qabel u mhux l-ewwel darba li jekk jaslu ftit wara (ovvjament li dejjem tkun kwistjoni ta' minuti) ix-xufier jiskuza ruhu mal-passiggieri b'mikrofonu.

Huwa ovvju li f'hinijiet tal-bidu jew tmiem ix-xoghol hemm servizz aktar frekwenti.

Minbarra hekk tajjeb li nirrimarka li t-trammijiet jew karozzi tal-linja jibqghu sejrin sa nofs il-lejl u aktar kuljum, waqt li fi tmiem il-gimgha jdumu inqas.

Fuq kull post ta' waqfien ikun hemm ukoll 'leaflets' bit-tabella tal-hin biex ikunu jistghu jittiehdu mill-pubbliku. Ghalkemm nghid id-dritt ftit nara l-iskop ghax jekk kull hames minuti jghaddi t-trasport, difficli tasal tard u mhux importanti fi x'hin ezatt tghaddi tram jew tal-linja. Ikun importanti meta se tasal tal-linja jekk ta' warajha tkun xi nofs siegha wara nahseb!

M'ghandniex xi nghidu affarijiet bhal dawn, Malta ma jezistux. Fittixt sahansitra fuq il-website ta' l-ADT u din l-awtorita' kkommettietx ruhha b'rotot kwazi, ghax l-uniku tip ta' taghrif kienet mappa ta' Malta li meta taghfas xi lokalita' kull ma turik hu n-numru tal-karozza li twasslek hemm. Izda minn fejn tghaddi l-karozza jibqa' misteru!

Fit-trams/karozzi tal-linja fin-Norvegja x-xufier kull darba jghid fejn hu l-post li jmiss fejn il-karozza tieqaf u l-karozza tieqaf dejjem anke jekk hadd ma jcempel biex tieqaf. Fil-pajjizi l-ohrajn ikun hemm madwar tlett tabelli bid-dawl li juru liema hu l-waqfien li jmiss biex jghinu lill-passiggieri. Izda billi dawn l-affarijiet jinvolvu t-teknologija, nahseb ahna fadlilna hamsin sena ohra biex naslu ghalihom!

Fil-pajjizi Skandinavi t-tabelli li jkunu fil-'bus stops' issibhom ukoll fit-tramm jew karozza tal-linja, u waqt li x-xufier ikollu l-hinijiet tar-rotta li jrid jimxi maghhom, ikollu disinji tar-rotta partikolari ghal min jitlobhom mill-pubbliku.

**Postijiet ta' informazzjoni**

Ghalkemm nista' nghid li fin-Norvegja l-aktar li tissorprendi ruhek kemm in-nies ma jafux bizzejjed dwar il-belt taghhom u kemm ahna l-Maltin ghandna verament ghax nissejhu 'friendly' mal-barranin, f'kull belt jezistu postijiet apposta ta' informazzjoni. F'Malta hawn bhalhom fil-Belt ghat-turisti. Fil-venda ta' Putirjal ukoll tezisti forma 'primittiva' taghha. Izda ma ssib l-ebda segretarji bl-Internet quddiemhom biex jaqduk u tinduna li l-post hu traskurat.

Pero' ta' min wiehed jghid li f'dawn l-ibliet l-informazzjoni tinsab mhux biss f'dawn il-postijiet ta' informazzjoni . Jitqassmu pjanti tas-sistema ta-trasport minn kull post pubbliku, kull attrazzjoni turistika, kull lukanda u anke sahansitra restoranti. Ghalhekk kull meta tistaqsi fejn huwa post, hafna drabi tinghata mappa li tkun tinkludi wkoll ir-rotot tal-mezzi tat-trasport kollha.

Kull post ta' waqfien tat-tramm jew karozza tal-linja jkollu wkoll isem ufficjali. L-ismijiet ma jkunix dawk tad-distrett jew tat-triq (ghx gieli jkunu fl-istess triq), izda tal-post tal-waqfien innifsu. B'hekk il-passiggier ma jitfixkilx.

Hafna drabi l-ismijiet tal-postijiet ta' waqfien ikunu ismijiet ta' bini importanti f'dik il-parti tat-triq bhal-katidral, il-pjazza, l-universita' jew ic-centru. Dan jghin lill-passiggier ghax kulhadd jaf jaghraf katidral jew palazzo!

Ma nahsibx li ezercizzju biex postijiet ta' 'bus stops' differenti jinghataw ismijiet partikolari differenti hu xi haga li tinvolvi flejjes kbar ghall-ADT. Izda ghal xi raguni misterjuza lanqas din is-sistema m'ghadha dahlet f'pajjizna, li ma tistax hlief torganizza l-affarijiet ftit ahjar.

Per ezempju biex tasal hdejn il-Palazz ta' Akershus f'Oslo fuq il-mappa ssib indikat hekk: Bus – 60;Bankplassen Tram- 10,12; Christiana Torv, Tram – 13, 15, 19; Wessels Plass Underground – Stortinget. Dan jaghti mhux biss il-lok jew indirizz, imma liema huma l-mezzi

tat-trasport li jwassluk fil-vicinanzi. U dawn hafna drabi jigu ndikati fuq kull 'brochure' u karti ohrajn.

Forsi xi darba ghad jasal dak iz-zmien li anke f'pajjizna naraw indirizzi bhal: Tempji ta' Hagrat, Mgarr: Bus 47, 52 (June-Sept) – Waqfa Skola/ Tempji Neolitici. Nassigurakom li aktar milli komiku (kif jista' jidher s'issa) l-fatt li ahna ma noholmux b'sistema bhal din huwa pjuttost patetiku.

Jekk napplikaw sistemi wzati f'dawn il-pajjizi u niehdu r-rotta 52 fis-sajf li twasslek f'Golden Bay (li fiha hafna attrazzjonijiet turistici) din ikollha waqfiet b'ismijiet bhal per ezempju: "Waqfa Zebbiegh – Tempji ta' l-Iskorba, Waqfa Triq il-Klin, Waqfa Qasam tal-Bini tal-Gvern, Waqa Skola – Tempji Neolitici, Waqfa Triq San Piju, Waqfa ta' Mrejnu, Waqfa tal-Palma, Waqfa Banjijiet Rumani, Waqfa Ghajn Tuffieha, Waqfa Goden Bay, Waqfa Manikata".

Kemm Maltin kif ukoll turisti jkunu jafu hafna aktar fejn sejrin, anke sempliciment indikazzjoni ta' liema hi l-ewwel waqfa u kif jigu wara xulxin u b'indikazzjonijiet b'isem fuq kull post ta' waqfien!

M'ghandniex xi nghidu, ismijiet ta' postijiet ta' waqfien, toroq u postijiet kif ukoll diversi tabelli li juru d-direzzjoni huma tajbin hafna fil-pajjizi Skandinavi. Izda mmaginaw bniedem barrani jrid jieqaf f'xi attrazzjoni turistika (bhal per ezempju t-Tempji Neolitici ta' l-Imgarr li hadthom bhala ezempju ghax huma xi ftit imwarrbin) kif se jkun jaf li wasal fuq il-post mixtieq? Nassigurakom li hafna minnkom jistghu jipprovaw dak li qed nghid ghax lanqas intom probabilment ma tafu fejn qeghdin dawn it-tempji wara kollox!

**Ismijiet bil-lingwa proprja**

Billi pajjizi Skandinavi qeghdin ikunu l-punt ta' referenza tieghi ghal dawn l-artikli nixtieq nikkummenta li l-ismijiet fin-Norvegja, fl-Isvezja u l-Finlandja li huma lkoll bil-lingwa taghhom (b'din ta' l-ahhar bil-verzjoni ta' l-isem Svediza billi kienet kolonja taghha wkoll). Ghalhekk nispera li jekk xi darba din is-sistema tigi addottata f'pajjizna l-ismijiet ikunu bil-Malti l-ewwel u qabel kollox. L-Ingliz ikun it-tieni lingwa li tigi indikata okkazjonalment.

**"Malta this month"**

Jien u gejja lejn Malta l-investigazzjonijiet tieghi ma waqfux. Xtaqt nara x'jigu offruti turisti gejjin lejn Malta fuq l-ajruplan. U ghalihom hemm ir-rivista **Malta this month** li hafna mill-kontenut taghha huwa ta' livell Ewropew. Izda f'din ir-rivista ma tezisti l-ebda mappa ta' Malta, ahseb u ara kemm tezisti xi tip ta' pjanta tas-sistema tat-trasport pubbliku, ta' pozizzjoni geografika ta' siti ta' interess jew inkella xi lista ta' rotot tal-karozzi tal-linja. Forsi nzertajt ix-xahar hazin?.

Apparti dan, ir-rivista tezisti fuq l-ajruplani biss. U l-Maltin jew t-turisti li diga' waslu Malta ghandhom access ghaliha?

Izda biex inkun qabbilt kollox, f'Helsinki gejt offruta aktar minn kopja wahda ta' **Helsinki this Week.** L-ahhar zewg pagni doppji huma totalment iddedikati ghall-mapep tal-belt, pjanta tas-sistema tat-trasport pubbliku u postijiet ta' interess, izda numri tal-karozzi tal-linja li jiehduk hemmhekk, jekk il-postijiet humiex f'distanza ta' mixi 'l boghod minn xulxin jew le, kemm hu t-trasport minn post ghall-iehor u hinijiet tal-ftuh u ta' l-gheluq tal-muzewijiet (biex ma tmurx ghalxejn) u prezzijiet taghhom jibqghu misteru!

Jista' jkun li bis-sistema fjakka ta' informazzjoni dwar it-trasport pubbliku aeghdin nikkontribwixxu halli l-barranin f'pajjizna jarawna biss gegwigija fejn hadd ma jaf fejn hu?

**U ghalina c-cittadini?**

Kif se nkun naf b'rotot godda? U b'intersezzjonijiet? U jista' jkun li jkun aktar konvenjenti ghaliha, jekk ikolli post ta' waqfien tat-trasport pubbliku indikat bhal per ezempju hanut, immure b'tal-linja flok noqghod infittxu bil-karozza? U postijiet ohrajn li ma nafx bihom li mhumiex fuq rotot principali tieghi jkolli noqghod nuri li ma nafx fejn huma biex immur bhat-Tempji ta' l-Imgarr, jew ta' l-Iskorba jew is-Simblija?

L-informazzjoni tghin ukoll lilna l-Maltin. It-turisti m'ghandhomx hlief ikunu t-test ghac-cittadin. Jekk turist kapaci jsib fejn qieghda Malta b'lingwa Gharbija daqshekk iehor ikun facli ghalina jekk l-istess ismijiet ta' postijiet ta' waqfien, ismijiet ta' postijiet, indikazzjonijiet, vlegeg u tabelli jkunu bl-ilsien taghna.

Jekk jien Maltija sibt triqti f'pajjiz b'lingwa li ftit ghad baqa' jitkellmuha fid-dinja bhalma hu l-Finlandiz, ghaliex turisti Ewropej m'ghandhomx jaghmlu l-istess f'pajjizi? Pero' ghaliex hafna minn dawn l-affarijiet adottati barra minn Malta ma jsirux Malta (specjalment dawk li ma jirrikjedux hafna nfieq ta' flus u teknologija) dejjem jibqa' misteru! Veru li kull settur jista' jkollu nteressi tieghu, izda min qed ibati?

Il-gimgha d-diehla nitkellmu dwar il-prezzijiet tat-trasport pubbliku f'dawn it-tlett pajjizi Skandinavi u naraw jekk dak Malta huwiex gholi.